SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 34/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 29/10/'13** **34**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 29/10/'13** **44**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 29 t'Ottubru 2013.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon
Il-Membru Michael La Rosa

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-23 t'Ottubru 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta’ Settembru 2013
4. Rapport tax-xogħolijiet
5. Budget / Business Plan
6. Aġġornament - Co-option ta’ Membru
7. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
9. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti 33/KA1/13 u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Micheal La Rosa ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P588 & P627 | Korrispondenza mingħand is-Sur Joe de’ Conti Manduca rigward il-ġbir tal-iskart f’Paceville. |
| P621, KA0189 KA0190, P633, &KA0197 | Korrispondenza rigward xogħol fi Triq il-Knisja quddiem La Maltija Restaurant. |
| P622 | Email mingħand it-Transport Malta rigward ċaqliq ta’ Bus Stop fi Triq San Ġorġ. |
| P630 | Email mingħand il-Perit Susanne Bonello dwar iż-Zebra Crossings f’Paceville. |
| P641 | Email mingħand il-Perit Anton Camilleri rigward latrina pubblika ġewwa Paceville. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P588 & P627

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand is-Sur Joe de' Conti Manduca rigward ilment fuq il-ġbir tal-iskart f'Paceville. Ġie deċiż unanimament li s-Sur de' Conti Manduca jiġi nfurmat li għalkemm il-Kuntrattur ġie nfurmat bl-ilment, l-Kumitat Amministrattiv Paceville jikkundanna l-aġir tiegħu. Dan minħabba li ċ-Ċermen kien rah joħroġ il-borża s-sewda meta suppost f'dik il-gurnata tinġabar il-borża il-griża biss u ġibidlu l-attenzjoni għall-aġir tiegħu iżda s-Sur de' Conti Manduca qallu li hu jagħmel li jrid.

Rif. Nru. P621, KA0189, KA0190, P633 & KA0197

2.03 B'riferenza għall-korrispondenza b'konnessjoni ma' xogħol fi Triq il-Knisja quddiem La Maltija Restaurant, ġie deċiż unanimament li kopja ta' l-ittra uffiċjali li rċieva l-Kunsill tintbagħat lill-Onorevoli Joe Mizzi, Ministru għat-Transport u l-Infrastruttura, u lit-Transport Malta, u kopja lill-Avukat Filletti. Fl-istess waqt il-Kumitat Amministrattiv jitlob l-intervent tal-Ministru sabiex tiġi rranġata Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Wilġa peress li qed tisfronda t-triq. Dan qed jiġri minħabba li l-bażi tat-triq huwa bbażat fuq il-ħamrija b'konsegwenza li mhux qed tibqa' l-istess livell u qed tikkaġuna nkonvenjent.

Rif. Nru, P641

2.04 Saret riferenza għal email mingħand il-Perit Anton Camilleri rigward latrina pubblika ġewwa Paceville. Ġie deċiż unanimament li l-Perit Camilleri jiġi nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv mhux għax m'għandux perit iżda għax m'għandux il-finanzi biex iqabbad l-perit biex jagħmel ix-xogħol mitlub.

## 3 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2013

3.01 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ġie pprezentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2013 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tiegħu.

3.04 Il-Membru Michael La Rosa ssekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4 Rapport tax-Xogħlijiet**

4.01 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħlijiet fuq l-andament tal-Kumitat Amministrattiv Paceville matul is-sena 2013 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2014 filwaqt li l-Membri ġew nfurmati li dan ser jibqa' jiġi aġġornat sa' l-aħħar tas-sena (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Il-Membru Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport tax-Xogħlijiet.

4.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

4.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**5 Budget / Business Plan**

5.01 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ġie pprezentat b'kopja tal-Budget / Business Plan (Ara Appendiċi 'C') fejn is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata.

5.02 Wara diskussjoni ċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan u li tintbagħat ittra lill-Onorevoli Karmneu Vella, lill-Onorevoli Jose' Herrera, lill-Onoroveli Edward Scicluna u lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn jiġu nfurmati li l-budget li qed jingħata lill-Kumitat Amministrattiv Paceville mhuwiex biżżejjed biex il-Kumitat ikun jista' iwettaq il-funzjonijiet statutorji tiegħu.

5.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

5.05 Ġie deċiż unanimament li sakemm jiżdiedu l-finanzi fil-budget, il-Kumitat Amministrattiv jaqbel li jsiru xogħolijiet tal-kuntratti biss peress li ma jistax jidħol f'*deficit* u m'għandux finanzi biex jagħmel xogħol ieħor ta' manutenzjoni.

**6. Aġġornament - *Co-option* ta' Membru**

6.01 Iċ-Ċermen reġa' nforma lill-Kumitat li għadu ma sab lil ħadd li hu nteressat.

**7 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv Paceville jiltaqa' ma' ġurnalista ġo l-Uffiċċu Amministrattiv tal-Kunsill biex isir artiklu / *press release* fuq Paceville.

7.02 Il-Membru Micheal La Rosa ser jieħu ħsieb jagħmel l-appuntament.

7.03 Il-Membru Micheal La Rosa ġie skużat fl-11.15a.m.

**8 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

8.02 Il-Membru Maria Dolores Falzon ipproponithom.

8.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondha.

8.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**9 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 259 sa nru. 263 (Ara Appendiċi 'E') u ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheet nru. 259 biss filwaqt li ppropona li ma jinħargux aktar *Works Orders* sakemm il-Kumitat ikollu l-finanzi.

9.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

9.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

9.04 Ġie deċiż unanimament li laqgħa għax-xahar ta' Novembru ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru fis-6.30p.m. u din ser tkun il-laqgħa tal-lokalita'.

9.05 Il-Membru Joe Oliva ssuġġerixxa li din il-laqgħa ssir il-Millenium Chapel.

9.06 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

9.07 Il-laqgħa ta' Diċembru ser issir nhar il-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2013 fl-10.00a.m.

9.08 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-11.25a.m.

| | |
|---|---|
| **Richard Scicluna**<br>**Ċermen** | **Helen Walker**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |